MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Talba Numru. 881/2009

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Alfred (Id. 868753M) u Sonia Vella (Id. 605060M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' sitt mija, u sitta u disghin Ewro u sebghin centezmu (€696.70) minghand il-konvenuti, in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21692882. U peress illi l-konvenuti gew interpallati sabiex ihallsu izda baqghu inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuti ihallsu s-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija, u sitta u disghin Ewro u sebghin centezmu (€696.70), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------